# Il-Kappella tal-Providenza Siġġiewi

Kitba ta' Mario Fenech

Fit-triq li mir-raħal tas-Siġġiewi twasslek lejn il-bajja ta' Għar Lapsi tinsab il-Kappella tal-Providenza. Kappella ħelwa ħafna li l-istorja tagħha teħodna lura lejn iż-żmien meta l-inħawi kienu jagħmlu parti minn wieħed mill-erba' rħula żgħar li aktar tard saru r-raħal tas-Siġġiewi. L-isem ta' dan ir-raħal żgħir kien dak ta' Ħal Kbir.

Għall-ewwel żmien tagħha l-kappella kienet iddedikata lill-Ħarba tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu. Jidher li għal xi żmien din il-kappella ma kinitx miżmuma fi stat tajjeb, tant li waqt waħda miż-żjajjar ta' l-Isqof Alpheran de Bussan fl-inħawi, din il-kappella ġiet ipprofanata b'ordni tiegħu. L-istess Isqof Alpheran de Bussan kien ikkonsagra l-kappella mill-ġdid wara talba li kienet saritlu mill-Kappillan Dun Mikelanġ Mamo. Dakinhar ta' din il-funzjoni li seħħet nhar it-28 ta' April, 1747 il-poplu tas-Siġġiewi kien ħareġ bi ħġaru biex imur jisma' l-quddiesa u l-Paneġierku li kien niseġ b'tant ħeġġa l-istess Kappillan Mamo.



*Il-kwadru tal-Madonna tal-Providenza, meqjum fis-Santwarju tas-Siġġiewi.*

Meta għadda ftit taż-żmien, minħabba l-ħsara li kellha l-kappella, din ġiet imniżżla u mibnija mill-



*Il-kappella ddedikata lill-Madonna tal-Providenza li tinsab fil-limiti tas-Siġġiewi.*

ġdid fl-istess post. Meta qiegħed l-ewwel ġebla tal-bini tal-kappella l-Kappillan Mamo nhar l-4 ta' Novembru 1750, huwa poġġa medalja tal-Madonna u kitba bl-ismijiet ta' l-Isqof De Bussan u tiegħu. Meta tlestiet il-kappella din ġiet ikkonsagrata mill-kappillan bħala delegat ta' l-isqof, nhar is-16 ta' Settembru, 1753. L-ispejjeż tal-bini tħallsu mill-ġbir tan-nies filwaqt li Dun Nikol Borg, ħareġ il-flus ta' l-iskultura.



*Dehra tal-faċċata tal-Kappella tal-Providenza.*

Fuq l-altar tpoġġa kwadru tal-Madonna tal-Providenza bil-Bambin Ġesù, xogħol ta' l-Artist Enrico Arnaux. Dan għamel ukoll il-kwdri ta' San Mikiel u ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju. Il-Kappillan Mikelanġ Mamo ħallas biex saru dawn il-kwadri. Fl-1804 il-kwadru titulari ġie mqiegħed fis-Sagristija u minfloku sar kwadru ieħor xogħol tal-Artist Velasco. Fil-kwadru naraw lill-Madonna tbierek l-għelieqi li minnhom in-nies ta' l-inħawi kienu jqilgħu l-għajxien tagħhom. Fl-1984 dan il-kwadruu flimkien ma numru ta' kwadri *Ex Votos* ġew misruqa, fortunatament wara xi żmien il-kwadru ewlieni nstab u reġa' tpoġġa f'postu. Biswit l-altar hemm balla li hija ta' l-Assedju l-Kbir tas-sena 1565. Din tpoġġiet hemm bħala ringrazzjament mill-560 raġel mis-Siġġiewi li kienu jiffurmaw r-reġiment li ħa sehem fit-taqbida li kienet saret fil-Birgu.

Il-kappella minn barra hija mżejna b'Portiku mill-isbaħ mibni bejn l-1815 u 1816. Ħa ħsieb dan ix-xogħol Mikiel Cachia. Dan il-Protiku ġie mibni biex isaħħaħ lill-kappella wara li din kienet ġarrbet ħsarat waqt maltempata kerha b'sajjetta. Dan il-Portiku beda jservi wkoll bħala post għall-kenn għal dawk li kienu jiġu mill-bogħod biex jitolbu fil-kappella.

Fil-kampnar hemm qanpiena waħda u din għandha fuqha l-armar tal-Gran Mastru Pinto.

Fuq in-naħa ta' wara tal-kappella hemm binja li fiha kienu jinżammu l-bhejjem li kienu jwasslu lill-qassis għall-quddiesa, filwaqt li fuq it-terrazzin hemm il-kmamar li kienu jintużaw għall-ikel u għall-mistrieħ kemm mis-saċerdoti kif ukol minn dawk likienu jgħinu fix-xogħol ta' din il-kappella.

Fortunatament madwar din il-Kappella tal-Providenza ftit li xejn hemm bini. Dan jagħmel din il-kappella waħda mill-ġawhar sbieħ u mhux mittiefsa li nsibu fil-gżejjer Maltin.

**Referenzi:**
*Bliet u Rħula Maltin*, Alfie Guillaumier
*Kappelli Żgħar f'Malta*, Kilin.